MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 181/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Patrick Delia (ID571955M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf mija u sebgha u tletin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1137.20), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numru 21661968 installat fil-fond 24 Triq Pawlu Magri, Luqa;**
**Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-27 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija u sebgha u tletin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1137.20) bl-imghax legali mit-18 ta’ April, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------